22003D0091

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 91/2003

tal-11 ta' Lulju 2003

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif amendat permezz tal-Protokoll li jirranġa l-Ftehim fuq ż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'il quddiem msejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari
l-Artikolu 98 tiegħu.

Billi:

(1) L-Anness XIII mal-Ftehim kien amendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 81/2003 ta' l-20 ta' Ġunju 2003 ([1]).

(2) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 980/2002 ta' l-4 ta' Ġunju 2002 li jamenda r-Regolament (KE) Nru 2082/2000 li jadotta livelli ta' kontroll Ewropej ([2]) għandu jiġi nkorporat fil-Ftehim.

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Dan li ġej għandu jiġi miżjud fit-tieni inċiż ta' punt 66ċ (Direttiva tal-Kunsill 93/65/KEE) ta' l-Anness XIII tal-Ftehim:

"kif amendat minn:

– **32002 R 0980**: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 980/2002 ta' l-4 ta' Ġunju 2002 (ĠU L 150, tat-8.6.2002, p. 38)."

Artikolu 2

It-test tar-Regolament (KE) Nru 980/2002 fil-lingwi ta' l-Islanda u tan-Norveġja, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-12 ta' Lulju 2003, sakemm in-notifikazzjonijiet kollha msemmija f'l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ġew magħmula lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fit-taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussel, 11 ta' Lulju 2003.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

H. S. H. Prinz Nikolaus von LIECHTENSTEIN

([1]) ĠU L 257, tat-9.10.2003, p. 33.
([2]) ĠU L 150, tat-8.6.2002, p. 38.
(*) L -ebda ħtiġijiet kostituzzjonali ma huma indikati.